

Brussell, 28 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

14226/1/22
REV 1 (bg, cs, da, de, es, et, ga, it, lt, mt, nl,
pl, pt, ro, sk)

LIMITE

JUR 690
COUR 35
INST 402

DOKUMENT TA' ĦIDMA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Grupp ta' Ħidma dwar il-Qorti tal-Ġustizzja

Suġġett: Abbozz ta' Emendi għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali
– Artikolu 71a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali

Wara diskussjonijiet fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2022, id-delegazzjonijiet isibu mehmuża verżjoni riveduta tal-Artikolu 71a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Bidliet introdotti fl-abbozz ta' emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Ottubru 2022

Fil-punt 13 tal-abbozz ta' emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, it-test tal-artikolu ġdid, l-Artikolu 71a, intitolat "Kawżi pilota", huwa emendat kif ġej (il-bidliet, li jikkonċernaw il-paragrafu 2 ta' dak l-artikolu, huma enfasizzati bil-griż u b'test maqtuġħ):

"Artikolu 71a
Kawżi pilota

1. Meta diversi kawżi pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali jqajmu l-istess punt ta' liġi u l-Qorti Ġenerali tqis li jkun fl-interess tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja li jiġi evitat it-trattament parallel ta' dawn il-kawżi, il-proċedura tista' tiġi sospiża konformement mal-Artikoli 69(c) jew (d), 70 u 71, fl-istennija li tinqata' l-kawża li, fost dawn il-kawżi, tkun l-iktar adegwata għall-eżami ta' dan il-punt, identifikata bħala l-kawża pilota.
2. Qabel ma jiddeċiedi jissospendix il-proċedura ~~jissospendi l-proċedura~~, il-President għandu jstieden lill-partijiet prinċipali fil-kawżi li fihom il-proċedura tista' tiġi sospiża sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar eventwali sospensjoni, konformement mal-Artikolu 70(1), filwaqt li jindikalthom il-punt ta' liġi kkonċernat kif ukoll il-kawża li tkun x'aktarx ser tiġi identifikata bħala l-kawża pilota.
3. Il-President tal-awla li lilha tkun assenjata l-kawża pilota għandu jara li din il-kawża tinqata' bi prijorità, konformement mal-Artikolu 67(2).
4. Meta tissokta l-proċedura, il-partijiet fil-kawżi li jkunu ġew sospiżi għandha tingħatalhom il-possibbiltà li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar id-deċiżjoni mogħtija fil-kawża pilota u dwar il-konsegwenzi ta' dik id-deċiżjoni għat-tilwima."